6 ta' April, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Maria Rosa Fiorini *versus* Carmelo Mifsud

**Arrest Personali — Fissazzjoni tal-Mod u Żmien għall-Ħlas tad-Dejn — Art. 359 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Gie deċiż mill-ġurisprudenza tagħna illi, biex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti l-mod u ż-żmien tal-pagament ta' dejn għall-finijiet ta' l-arrest personali tad-debitur, hemm bżonn illi l-proventi jew redditi tiegħu jkunu ċerti u determinati, u illi minn dawk il-proventi jibqagħlu avanz jew sopravanz wara li jiġi mnaqqas dak li jkun indispensabili għal-alimenti tiegħu u dawk tal-familja tiegħu.*

*Imma ġie wkoll deċiż illi l-eżami taċ-ċirkustanzi, jiġifieri jekk id-debitur għandux jew le mezzi biex jestingwi d-dejn tiegħu, ma jistax isir fil-kawża attwali għall-fissazzjoni tal-mod u ż-żmien ħalli jkun eżegwit il-pagament, iżda fil-kawża oħra li tiġi wara li jkollha bħala oġġett il-ħruġ tal-mandat ta' l-arrest personali.*

*Din l-apparenti kontradizzjoni tista' tiġi konċiljata fil-prattika malħajja ġjornaljera u bl-adattament elastiku li għandha jkollha l-ġurisprudenza bla ħsara tal-liġi. U għalhekk, billi jkun prattikament inutili li l-Qorti tiffissa l-mod u ż-żmien għall-ħlas lid-debitur li jiddependi mill-karità pubblika, mentri li min għandu mpjieg fiss u jieħed inħdem għandu jagħmel sforz moderat biex jestingwi, anki in parti, l-obbligazzjonijiet tiegħu, il-Qorti tista' f'kawża preparatorja għall-arrest personali tad-debitur, ikollha rigward għall-fakoltà finanzjarja tiegħu; b'mod li fil-ġeneralità tal-każi jkun adempjut il-vot tal-liġi, bla ma tingħata liċenza żejda lid-debituri li jkunu diżonesti.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attturi talbu li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa; billi b'sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fit-

13 ta' Marzu 1948, riformata mill-Qorti ta' l-Appell tar-Re b'sentenza tal-15 ta' Novembru 1948, l-attrici Maria Rosa Fiorini gìet awtorizzata teżegwixxi (1) il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tat-2 ta' Marzu 1929 għas-somma ta' £19. 8. 0, (2) il-kuntratt fl-istess atti tat-3 ta' Novembru 1930 għas-somma ta' £394. 8. 9½, (3) il-kuntratt fl-istess atti tal-1 ta' Marzu 1932 għas-somma ta' £456. 9. 5¼; u l-attur Carmelo Agius Fernandez gìe awtorizzat jeżegwixxi (1) il-kuntratt fl-istess atti tat-2 ta' Marzu 1929 għas-somma ta' £299. 7. 5, (2) il-kuntratt fl-istess atti tat-3 ta' Novembru 1930 għas-somma ta' £415. 7. 7, u (3) il-kuntratt fl-istess atti tat-2 ta' Ottubru 1933 għas-somma ta' £224. 2. 6; il-kapitali kollha bl-imgħax mill-5 ta' Ottubru 1944; u billi l-konvenut ma ħallas ebda parti mill-imsemmi dejn; jiġu stabbiliti minn dina l-Qorti l-mod u ż-żmien tal-pagament ta' l-imsemmijin krediti; u dana għall-finijiet ta' l-art. 359 (c) tal-Kodići tal-Proċedura Ċivili; b'riżerva ta' drittijiet oħra u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-konvenut jammetti d-dejn li għandu versu l-atturi, u ċjoè..............;

Illi l-konvenut, għalkemm jammetti d-debitu, igħid li huwa ma għandux minn fejn iħallashom;

Illi l-ġurisprudenza tagħna "in subjecta materia" ma hijiex dejjem konkordanti u armonika; l-għaliex jekk huwa veru li gìe deċiż li biex ikun jista' jiġi stabbilit il-mod u ż-żmien tal-pagament, jew ħlas ta' dejn, imħabba l-konsegwenzi gravi li jitnisslu mill-infrazzjoni tas-sentenzi li jingħataw għal dak l-effett, huwa, skond l-art. 359 (b) tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15, neċessarju l-konkors ta' żewġ kondizzjonijiet, u ċjoè (1) li l-proventi jew renditi tad-debitur ikunu ċerti u determinati, u (2) li minn dawk il-proventi jkun jibqgħalu avanz jew sopravanz, wara li jiġi mnaqqas dak li jkun indispensabili għall-alimenti proprji u dawk tal-familja tiegħu (ara Prim'Awla Ċivili, 29 ta' Novembru 1873, "Vella vs. Mangion", Kollez. Vol. VI, paġ. 696, kolonna 2 fil-qiegħ, u paġina 697, kolonna prima in primis), mhux anqas minnu li gìe wkoll stabbilit illi l-eżami taċ-ċirkustanzi jekk debitur

għandux jew le mezzi sabiex jestingwi d-dejn tiegħu ma għandux jiġi studjat u eżaminat fil-kawża, bħal preżenti, li hija intiża sabiex tkun ottenuta l-fissazzjoni tal-mod u ż-żmien ħalli jkun eżegwit il-pagament, iżda dak l-eżami jirrendi ruħu neċessarju aktar tard fil-kawża l-oħra li jkollha bħala oġġett l-ispedizzjoni ta' l-arrest personali (ara Prima Awla Civili, 25 ta' Ġunju 1895, in re "Bonnici vs. Delia", Kollez. Vol. XV, paġ. 207);

Illi r-raġuni ġuridika li fuqha hija poġġuta dina t-tieni teorija tat-tieni sentenza fuq ċitata hija fil-kliem ta' l-istess sentenza, "per la ragione che la mancanza di mezzi del debitore a pagare non priva il creditore del diritto che egli ha di ottenere dalla Corte la fissazione del modo e del tempo del pagamento, in via preparatoria all'ottenimento dell'arresto, ma impedisce semplicemente l'ottenimento della spedizione del mandato, quando il debitore dimostrasse di avere egli ommesso di pagare nel modo e nel tempo ordinato non volontariamente, ma per difetto di mezzi";

Illi l-argument tas-sentenza ċitata, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, huwa rafforzat mill-kliem ta' l-istess art. 359 Kap. 15, u ċjoè: — "Il-Qorti tista' tilqa' t-talba għall-arrest tal-persuna f'kull wieħed minn dawn il-każijiet..................", u li fosthom jidħol il-każ meta d-debitur ikun naqas milli jħallas bil-mod u fiż-żmien li lilu jkun ġie ordnat mill-Qorti b'sentenza oħra qabel, għad li kellu l-mezzi biex iħallas, li jinsab taħt is-subtitolu III "Fuq il-mandati ta' l-arrest tal-persuna";

Illi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, però, dina l-apparenti kontradizzjoni tista' tiġi konċiljata fil-prattika mal-ħajja ġjornaljera u bl-adattament elastiku li għandu jkollha l-ġurisprudenza bla ħsara tal-liġi. Infatti jkun prattikament inutili għal dina l-Qorti tiffissa l-mod u ż-żmien tal-ħlas lid-debitur li jinsab rikoverat fl-istitut tal-fqar, bla sold u assolutament dipendenti mill-karità tan-nies; imma min għandu impjieg u qiegħed jaħdem għandu, fuq ir-rikjesta tal-kreditur, jagħmel sforz moderat sabiex jonora, anki f'porzjoni minnha, l-obligazzjoni tiegħu. F'dana s-sens biss, skond iċ-ċirkustanzi partikulari — l-għaliex regola fissa ma tistax tiġi "a priori" stabbilita, għaliex kemm jistgħu jiġu posti normi dimostrativi —

il-Qorti f'kawża bħal dina preparatorja għandha jkollha rigward għall-fakoltà finanzjarja tad-debitur sabiex ma tirrendix gravuża wisq il-kondizzjoni tiegħu fil-fissazzjoni tal-mod u żmien għall-ħlas, b'mod li fil-generalità tal-każi b'dana l-mod ikun adempjut il-vot tal-liġi bla ma tingħata liċenza żejda lid-debituri li jkunu diżonesti;

Illi l-konsegwenzi li fuqhom poġġiet l-ewwel sentenza biex tasal għad-dikjarazzjonijiet tagħha fil-fissazzjoni relativa tal-mod u żmien hekk viżwalizzat minn dina l-Qorti, b'hekk jiġu jitqiegħdu in vista tal-ġurisprudenza l-oħra li ma jistax ikun hemm lok għall-arrest personali meta d-debitur għar-rati skaduti tad-dejn tiegħu kif fissati b'sentenza, u li ma jkunx soddisfatti, ikunu fil-kumpless jagħmlu somma inferjuri għal dik rikjesta mil-liġi sabiex il-Qorti tkun awtorizzata tagħti l-mandat ta' l-arrest (ara Prim'Awla Civili, 28 ta' Ottubru 1860 in re "Azzopardi vs. Spiteri", u Appell 30 ta' Ottubru 1908 in re "Cecy vs. Rutter") — dak li jiġri li jekk il-mod ikun baxx, iż-żmien jitwal, u sabiex il-kreditur jista' jitlob l-arrest personali tad-debitur irid jistenna li tingabar is-somma li għaliha skond il-liġi jista' jitlob l-arrest personali;

Tikkunsidra;

Illi fuq dawna l-prinċipji, u fil-limiti fuq espress, dina l-Qorti sejra teżamina l-fattijiet ta' dina l-kawża;

Illi l-konvenut offra, u jista' jħallas biss, skond il-mezzi attwali, ħames xelini (5s.) fil-ġimgħa; u għandu jibda mil-lum;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lil-konvenut iħallas lill-attur, nofs kull wieħed, ħames xelini (5s.) fil-ġimgħa mil-lum. Bl-ispejjeż.